In-Nazzjon
Is-Sibt, 3 ta' April, 2021


# L-Oratorju tal-Kurċifiss fil-Birgu – 300 mitt sena ta' Storja

**Ġorġ Agius**

Maġenb il-knisja parrokkjali ta' San Lawrenz tal-Birgu, hemm wesgħa li fis-sena 2020 ingħatat l-isem ta' *Wesgħet il-Kolleġġjata 1820.*[1] Mijiet ta' snin ilu dawn l-inħawi kienu msejħa Ras il-Knejjes, għaliex fil-post kien hemm ċimiterju b'numru ta' kappelli.[2]

Tliet mitt sena ilu saret talba biex *tittieħed biċċa art minn dan* iċ-Ċimiterju, magħruf bħala ta' San Lawrenz, sabiex fuqha jinbena l-Oratorju tal-Kurċifiss.[3] Ix-xogħol tal-kostruzzjoni fuq dan l-Oratorju ħa ftit aktar minn tlett snin[4] u l-*Capomastro* responsabbli kien Francesco Zirafa.[5]

## Il-Kurċifiss ta' Kandja

Meta titkellem fuq il-Kult tal-Passjoni fil-Birgu ma tistax ma tagħmilx referenza għall-wasla tal-Kurċifiss ta' Kandja li sal-lum għadu meqjum fil-Kolleġġjata tal-Birgu. Dan kien miġjub mill-kaptan tal-Galeri tal-Ordni ftit qabel is-sena 1657.[6] Fl-atti tan-nutar Michele Attard li jġibu d-data tad-9 ta' Marzu 1657, insibu li Cristoforo Menna waqqaf legat biex ta' kull sena tiġi ċċelebrata l-festa tas-Sejba tas-Salib Imqaddes fil-Knisja *Matriċi ta' San Lawrenz.*[7] Fis-snin ta' wara d-devozzjoni lejn din ix-xbieha għażiża kompliet tikber, speċjalment waqt il-pesta tal-1676. F'dak iż-żmien imwiegħer, kienu bosta l-pellegrini li lejl u nhar kienu jiġu jinvistawh, tant li mill-offerti tagħhom sar lampier tal-fidda,[8] li għadu jintrama f'din il-kappella matul il-jiem tal-festa ta' San Lawrenz.

## It-twaqqif tal-Fratellanza tal-Kurċifiss

Id-devozzjoni lejn il-Kurċifiss ta' Kandja ċertament li kkontribwiet qatigħ biex f'xi wħud mill-Vittoriosani nibtet ix-xewqa li *jiffurmaw fratellanza ddedikata* lill-Kurċifiss, kif kien qed isir *fil-parroċċi tal-qrib. Fattur ieħor* li għen biex eventwalment fl-1718 titwaqqaf fil-Birgu din il-fratellanza, hi l-konfraternita *msejħa Tal-Agunija li kienet ilha* stabbilita fil-parroċċa minn ħafna *snin qabel.*

Hu probabbli ħafna għalhekk, li twaqqif tal-Fratellanza tal-Kurċifiss kien riżultat ta' kif żviluppat din il-konfraternita, li sa mis-seklu 17 kienet responsabbli mill-festa tas-Salib Imqaddes.[9] It-twaqqif tal-Fratellanza tal-Kurċifiss sar permezz tad-digriet '*Concedimus Taxta*' maħruġ mill-Isqof Giacomo Canaves fis-7 ta' Jannar 1718, wara supplika (talba) li saret mill-kappillan tal-*Birgu Dun Carlo Colonia.*[10]

Il-missjoni prinċipali li għaliha *twaqqfet din il-fratellanza kienet* dik li tkompli tippromwovi kemm tista' l-kult tal-passjoni tas-sinjur tagħna Ġesù Kristu, kif ukoll biex taħdem ħalli toktor id-devozzjoni lejn il-Kurċifiss u relikwa tal-Veru Linju, it-tnejn meqjuma fil-knisja parrokkjali. Misjuqa minn din il-missjoni, il-fratellanza ħadet ir-responsabiltà li ta' kull sena nhar it-3 ta' Mejju tiffesteġġja fil-knisja u fit-toroq il-festa tas-Sejba tas-Salib Imqaddes u kif ukoll dik tal-Eżaltazzjoni tas-Salib nhar l-14 ta' Settembru.[11]

## L-ewwel fratelli

Il-vestizzjoni tal-ewwel fratel*li saret nhar il-Ġimgħa 18 ta'* Marzu 1718 filgħodu, mill-kappillan Carlo Colonia. Dakinhar fuq l-artal tal-Kurċifiss, il-fratelli tlibbsu kunfratija ta' lewn vjola mħażżma b'ċinglu *ma' qaddhom. Tlibbsu wkoll* kappoċċ vjola b'salib tad-drapp abjad meħjut fuq ix-xellug. Wara l-vestizzjoni l-fratelli għamlu l-professjoni biex hekk saru membri ta' din il-fratellanza. Il-funzjoni fil-knisja kompliet waranofsinhar fejn saret ukoll purċissjoni bir-relikwa tal-Veru Linju mat-toroq tal-Birgu li għaliha l-poplu attenda bi ħġaru.[12]

## Il-bini ta' Oratorju

Il-Fratellanza tal-Kurċifiss, immexxija mill-ewwel Rettur tagħha Pietru Tabone u uffiċjali oħra, fi ftit ta' żmien għamlet *progress sostanzjali.* Dan wassal biex nibtet ix-xewqa li l-fratelli jkollhom post fejn jagħmlu l-laqgħat u l-eżerċizzi spiritwali tagħhom, kif ukoll post fejn jergħu xi skultura u pittura tal-misteri qaddisa tal-passjoni li kellhom fil-pussess tagħhom.[13]

## L-ewwel ġebla

Wara li wasslu l-permessi meħtieġa, nhar l-Erbgħa 18 ta' Diċembru 1720 sar it-tqegħid tal-ewwel ġebla. Iċ-ċerimonja tmexxiet mill-kappillan tal-Birgu Dun Carlo Colonia, bil-fakultà mogħtija lilu mill-Isqof ta' Malta Fra Giacomo Cannaves, fil-preżenza tal-kleru, il-fratelli u l-poplu.[14]

## L-Oratorju inawgurat

Ix-xogħol fuq il-bini tal-Oratorju dam sejjer ftit aktar *minn tliet snin, sakemm it-Tlieta* 29 ta' Frar 1724 ġie inawgurat. *Il-funzjoni tal-inawgurazzjoni* tmexxiet għal darb'oħra mill-Kappillan Colonia, fil-preżenza tal-Inkwiżitur Antonio Ruffo li assista għaċ-ċerimonja.[15] Oriġinarjament it-titular tal-oratorju kien dak tad-Duluri, sakemm fl-1867 dan inbidel mal-Kurċifiss u l-figuri tal-Vara l-Kbira kif għadna naraw sal-lum.[16]




Il-Kurċifiss ta' Kandja meqjum fil-Knisja ta' San Lawrenz

## Xogħlijiet oħra

Fis-snin ta' wara l-inawgurazzjoni, fl-Oratorju tkomplew isiru xogħlijiet ta' dekorazzjoni u tisbiħ. Fl-1726 l-Imgħallem skultur Vittoriosan Antonio Fabri ġie kummissjonat jagħmel xogħlijiet ta' skultura[17]. Saru wkoll kwadri tal-pittura bil-misteri tal-passjoni u żewġ statwi tal-evanġelisti.[18] Fl-1757 sar il-bankun tal-injam mad-dawra tal-oratorju, biex il-fratelli jpoġġu waqt il-laqgħat. Mal-bankun saret ukoll il-katedra fejn joqogħdu l-uffiċjali tal-fratellanza.[19]

## Niċċa għall-Ort

Fl-1869 f'nofs il-ħajt tax-xellug tal-oratorju saret in-niċċa tal-injam fuq disinn neo-gotiku biex fiha titqiegħed il-vara ta' Kristu fl-Ort.[20] F'din in-niċċa, li qiegħda eżatt faċċata tal-bieb sekondarju, f'Ħamis ix-Xirka u l-Ġimgħa l-Kbira sa qabel it-Tieni Gwerra Dinjija kien jintrama s-Sepulkru.[21]



Ir-relikwarju għażiż tal-Volto Sant (Bil-kortesija ta' PrevArti)

## Milqut fil-Gwerra

Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, l-oratorju ġarrab ħsarat konsiderevoli, fosthom it-tiġrif tas-saqaf, it-telf tal-kwadri tal-pittura, il-qerda tal-artal titulari, kif ukoll ħsarat sostanzjali fin-niċċa ta' Kristu fl-Ort.[22]

## Tiswijiet

Wara l-gwerra l-prokuratur Kan. Lawrenz Micallef flimkien mal-Arċipriet Pawlu Galea ħadmu kemm felħu biex saru t-tiswijiet meħtieġa ħalli l-oratorju jerġa' jibda jintuża mill-ġdid.[23] Fis-sittinijiet u sebgħinijiet tas-seklu 20, fi żmien il-parrokat tal-Arċipriet Dun Lawrenz Mifsud, fl-oratorju saru diversi niċeċ biex tqiegħdu fihom xi wħud mill-vari tal-Ġimgħa l-Kbira.[24]



L-Oratorju tal-Kurċifiss milqut fil-gwerra

## Għeluq

L-Oratorju tal-Kurċifiss għaddew minn fuqu 300 sena ta' storja. Matul dawn is-snin dan il-post devozzjonali kien ikkurat minn bosta. Illum jinsab taħt il-kura tal-parroċċa flimkien mal-Kummissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Għall-grazzja t'Alla fl-aħħar snin rajna bosta inizjattivi li bil-mod il-mod qed jerġgħu jagħtu lil dan l-oratorju d-dinjità li tixraqlu. Fost dawn ta' min isemmi l-erba' kwadri tal-pittura li saru dan l-aħħar, xogħol l-artist Vittoriosan Andrew Bugeja u mħallsa minn diversi benefatturi.[25]

Fl-aħħar snin, l-oratorju qed jaqdi wkoll il-funzjoni ta' kappella tal-adorazzjoni. Jalla li fis-snin li ġejjin l-imħabba tan-nies tal-Birgu lejn il-misteru tal-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Kristu tibqa' qawwija bħalma kienet f'dawk ta' qabilna.



Il-Kappillan tal-Birgu Carlo Colonia bil-pjanta tal-Oratorju f'idejh.
(Ritratt: Museum Wignacourt Rabat)



L-Oratorju tal-Kurċifiss minnn ġewwa madwar mitt sena ilu. Jidher il-korp ta' Kristu mejjet l-antik

## Noti:

1. Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, 20,467. 21 ta' Awwissu 2020, p.7255.
2. Lorenzo Zahra, Iż-Żewġ Oratorji tal-Birgu. Telestar u il-Berqa 13 ta' Jannar 1971.
3. Arkivju.Kolleġġjata.Vittoriosa, CONFRA-TA SS.MO CROCIFISSO VITTORIOSA. f.21
4. Bibljoteka Nazzjonali, Libr. Ms351, f.10.
5. Op.Cit. Arkivju Kolleġġjata Vittoriosa, CONFRA-TA SS.MO CROCIFISSO VITTORIOSA. f.21
6. Op. Cit. Bibljoteka Nazzjonali, Libr. Ms351, f.13.
7. Bibljoteka Nazzjonali, Libr. Ms360, ff.307-309. Ara ukoll Bibljoteka Nazzjonali, Libr. Ms351, f.14
8. Op.Cit. Bibljoteka Nazzjonali, Libr. Ms351, f.14
9. Matthew Vassallo, The Crucifix Confraternities in the Harbour Area up to 1800. Dissertation 2003. pp.20-21
10. Lorenzo Zahra, Il-Fratellanza tas-S.S. Kurċifiss tal-Belt Vittoriosa. Il-Berqa 26 ta' Marzu 1959, p.4.
11. Anton Attard, Il-Fratellanza tal-Kurċifiss. Wirja Ġetsemani 1999, p.11.
12. Ibid. pp.11-13
13. Op. Cit. Bibljoteka Nazzjonali, Libr. Ms351, f.10. L-iskultura u l-pittura tal-misteri qaddisa tal-passjoni, probabbilment kienu jintużaw fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.
14. Ibid. f.10.
15. Ibid. f.10.
16. A.K.V. CONFRA-TA SS.MO CROCIFISSO VITTORIOSA. f. 89.
17. Arkivju Kolleġġjata Vittoriosa, Memorie Lanzon Tom V. f.145.
18. Lorenzo Zahra, Vittoriosa Memoralia, Knisja ta' San Lawrenz – il-Kappella tal-Kurċifiss.
19. Ibid.
20. Informazzjoni meħuda minn irċevuta kkonservata fl-Arkivju tal-Kolleġġjata Vittoriosa mogħtija lill Prokuratur tal-Fratellanza Lorenzo Borg minn Giuseppi Giov. Schembri li wettaq ix-xogħol tal-injam.
21. Informazzjoni mogħtija lil awtur mis-sur Anthony Aquilina RIP.
22. Informazzjoni mogħtija lil awtur mis-sur Eddie D'Agostino RIP.
23. Op. Cit. Lorenzo Zahra, Vittoriosa Memoralia, Knisja ta' San Lawrenz – il-Kappella tal-Kurċifiss.
24. Informazzjoni mogħtija lil awtur minn Mons Lawrenz Mifsud RIP.
25. Informazzjoni mogħtija lil awtur mis-Sur Joseph Schembri.